MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Numru 184/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Julian Mercieca**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Julian Mercieca, bin Eucharist u Rita nee' Cassar, ID 5171(G), residenti 41, Shaft Street, Xaghra, Ghawdex, talli zamm jew ippermetta li jinzamm gmieh ta' demel fir-razzett f'numru 41, Shaft Street, Xaghra. Il-Qorti giet mitluba li minbarra l-piena stabbilita mill-ligi tordna li l-istess inkonvenjent jitnehha fi zmien stabbilit mill-Qorti u fin-nuqqas tigi inflitta fuqu piena ghal kull gurnata li jeccedi z-zmien stabbilit mill-Qorti.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-28 ta' Marzu, 2012 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Julian Mercieca hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta' mija u hamsa u sebghin (€175.00) u inoltre ordnat ukoll lill-hati sabiex fi zmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza inehhi l-gmieh ta' demel u fin-nuqqas li huwa jaghmel dan fiz-zmien lilu moghti, il-hati jehel penali ta' ammenda ta' erba' ewro u hamsa u sittin centezmu (€4.65) ghal kull gurnata li jeccedi z-zmien imsemmi.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell tal-imputat Julian Mercieca minnu prezentat fl-10 ta' April 2012 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u htija.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet il-provi mill-gdid.

**5.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:
Fl-14 ta' Frar 2011 dahal rapport fl-ufficju tas-sahha ambjentali li kien jindika li fir-razzett tal-imputat fix-Xaghra, Ghawdex kien hemm akkumulu ta' demel. 'Lghada, fil-15 ta' Frar 2011 marru fuq il-post xi spetturi tal-istess ufficju biex jispezzjonaw ir-razzett u sabu li fil-kmamar tar-razzett kien hemm kwantita' ta' demel migmugh. Id-demel kien jikkonsisti fi hmieg tal-annimali u tiben li jinghata ikel lill-annimali. Kien hemm ukoll hmieg fil-bitha tar-razzett u hmieg li kien jiskula mill-bitha ghal got-triq ma kull xita. Il-gmiegh imsemmi kien jidher li kien ilu s-snin jingema'.

**7.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu sintesizzati kif gej:

(a) l-offiza ipotizzata tinkwadra fl-artikolu 3 tal-Kap. 206 tal-ligijiet ta' Malta u ghalhekk kienet taqa' fil-kompetenza mhux tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali izda fil-kompetenza tal-Kummissarju ghall-Gustizzja skont l-iskeda mal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-ewwel Qorti ma kienetx kompetenti tisma u tiddeciedi l-kaz;

(b) l-artikoli li tahthom l-ewwel Qorti sabet htija ma japplikawx ghall-kaz;

(c) ma ngibitx il-prova li kien l-appellant li zamm jew ppermetta li jinzamm il-gmiegh tad-demel fir-razzett

(d) minghajr pregudizzju ghall-premess, l-imputat kien fl-impossibilita' li jgorr ‘l barra u jnehhi l-iskart ghaliex dan kien likwidu u l-kundizzjonijiet tat-temp ma kienux jippermettu l-garr u t-tnehhija tal-iskart qabel dan jinxef.

**Ikkunsidrat:**

**8.** Illi qabel xejn din il-Qorti jehtigilha tindirizza l-pregudizzjali tan-nulltia' tar-rikors tal-appell tal-appellant Julian Mercieca sollevata mill-Avukat Generali fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti tal-20 ta' Lulju 2012. L-Avukat Generali jsostni li r-rikors tal-appell huwa null peress li ma fihx il-fatti fil-qosor kif rikjest mill-ligi *ad validitatem*.

**9.** Din il-Qorti hi verament urtata bil-mod kif gie redatt ir-rikors tal-appell odjern fejn verament wiehed irid jaghmel sforz konsiderevoli sabiex minn fost id-diversi paragrafi tar-rikors il-Qorti tidentifika l-fatti tal-kaz. Di fatti l-ewwel paragrafu tar-rikors tal-appell jirriproduci l-imputazzjoni, it-tieni paragrafu jirriproduci il-parti deciziva tas-sentenza appellata, it-tielet paragrafu jiddikjara li l-appellant gie aggravat, isegwu tlett paragrafi li jispjegaw l-aggravji u fl-ahhar tinsab it-talba sabiex il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata. Ebda paragrafu specifiku ma jispjega l-fatti tal-kaz. Dan ma jimmanifestax serjeta' u attenzjoni xierqa fil-mod kif jigi redatt rikors tal-appell anki kieku l-ligi ma kienet tghid xejn dwar il-formalitajiet mehtiega. Meta imbghad wiehed iqis li l-Kodici Kriminali fl-artikolu 419(1)(a) tassattivament taht piena ta' nullita' jirrikjedi li r-rikors tal-appell ghandu jkun fih il-fatti fil-qosor, il-mod kif gie redatt ir-rikors tal-appell jirrazenta l-irresponsabbli u fuq l-iskorta ta' certa gurisprudenza ta' din il-Qorti ir-rikors tal-appell odjern kien certament jigi dikjarat null.

**10.** Gurisprudenza aktar ricenti, izda, f'dan l-ahhar zmien hadet atteggjament aktar indulgenti lejn dan in-nuqqas u din il-Qorti saret taghmel kull sforz sabiex ma tiddikjarax in-nullita' tar-rikors tal-appell minhabba nuqqas ta' fatti fil-qosor purche' l-istess fatti jkunu jistghu jigu identifikati fil-kontenut tar-rikors anki jekk bil-ghajnujna tal-atti kollha tal-process[1]. Issa fil-kaz odjern l-imputazzjoni hi wahda semplici ta' zamma ta' gmiegh ta' demel f'razzet fix-Xaghra, Ghawdex. Fir-rikors tal-appell ir-rikorrent ma jikkontestax dan il-fatt li hu allegat fl-imputazzjoni riprodotta fir-rikors. Apparti aggravju dwar il-kompetenza tal-ewwel qorti, dak li jsosstni l-appellant hu li ma saritx prova li kien hu li zamm jew ippermetta l-gmiegh tad-demel u li fi kwalunkwe kaz l-istess demel ma setax jitnehha ghaliex kien likwifikat u ma setax jingarr minhabba l-kundizzjonijiet tat-temp dak inhar tal-ispezzjonijiet u certament mhux qabel jinxef. Fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti hi ghalhekk tal-fehema li r-rikors tal-appell fih dawk il-fatti, ghalkemm minimi u kwazi skeletali, necessarji sabiex mehuda fil-kuntest ta' dak li jirrizulta mill-process din il-Qorti titqieghed f'pozizzjoni li tapprezza dwar x'hix inhi l-kawza u l-pozizzjonijiet rispettivi tal-prosekuzzjoni u tad-difiza fir-rigward taghhom. Din il-Qorti hi ghalhekk tal-fehema li l-vot tal-ligi hu sodisfatt, ghalkemm bi ftit. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tan-nullita' tar-rikors tal-appell sollevata mill-Avukat Generali qieghdha tigi respinta.

**11.** Il-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-aggravi tal-imputat appellant.

**12.** Fl**-ewwel aggravju tieghu** l-appellant isostni li r-reat ipotizzat jinkwadra fl-artikolu 3 tal-Kap. 206 tal-ligijiet ta' Malta u li ghalhekk l-ewwel Qorti ma kienetx kompetenti tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni li kienet ta' kompetenza tal-Kummissarju tal-Gustizzja. Dan l-aggravju hu ghal kollox frivolu. L-artikolu 3 tal-Kap 206 jittratta dwar tfieh u rimi ta' skart f'post fil-berah li ghalih il-pubbliku ghandu access minghajr hlas. Fil-kaz odjern il-fatt imputat huwa z-zamma ta' gmieh ta' demel f'razzett: fatt *toto coelo* divers

[1] Ara fost ohrajn App Kriminali P v Lorcharles Pace, 20/7/2012

minn dak previst fl-artikolu 3 tal-Kap. 206. Dan l-aggravju hu kjarament infondat u din il-Qorti hi mmeraviljata bl-ardir tieghu.

**13.** Fit-**tieni aggravju** l-appellant isostni li l-artikoli li tahthom l-ewwel Qorti sabet htija ma japplikawx ghall-kaz. L-artikoli invokati mill-ewwel Qorti huma l-artikoli 121(2)(i), 319(2A), 319(2B) tal-Kap 10. L-artikolu 121(2)(i) tal-Kap 10 msemmi jipprovdi li:

"Hadd ma jista' jitfa' jew jarmi jew jiddepozita f'gozz xi zibel jew fdal jew izomm jew ihalli li jinzamm f'xi lok gmiegh ta' zibel jew ta' fdal, jew ta' ilma mahmug, imnigges jew qieghed, jew ta' materjal mahmug, ta' hmieg ta' bhejjem jew hmieg iehor".

**14.** Dan jinkwadra perfettament fir-reat imputat lill-appelant u meta l-Qorti tosserva li l-artikoli 319(2A) u 319(2B), imbghad, jirrigwardaw is-sanzjonijiet ghar-reat previst fl-artikolu 121(2) u ghall-ordnijiet li tista' taghti l-Qorti fir-rigward il-meravilia tal-Qorti jittrasforma ruha f'zbalordiment. L-artikoli kollha citati mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha huma kollha attinenti perfettament ghar-reat imputat lill-appellant u li tieghu instab hati u ghalhekk dan l-aggravju wkoll qieghed jigi respint.

**15.** Fit-**tielet aggravju** tieghu l-appellant isostni li ma saritx il-prova li l-appellant kienet il-persuna li zammet jew li ppermettiet iz-zamma tal-gmiegh ta' demel fir-razzett in kwistjoni. Hawn si tratta ta' apprezzament ta' provi mill-ewwel Qorti u fil-kaz ta' aggravju ta' dan it-tip hu ormai ben stabbilit li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti sakemm ma jkunx hemm xi raguni impellenti li tinduci lil din il-Qorti halli taghmel hekk sabiex tigi evitata *miscarriage of justice*.

**16.** Mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti irrizulta li meta konfrontat mill-ufficjali li marru jaghmlu spezzjoni fuq il-post huma sabu lill-imputat barra fit-triq u meta talbuh idahhalhom fir-razzett dan wegibhom biss li ma kienx ser idahhalhom fir-razzett. Meta staqsewh jekk kienx lest li

jnaddaf il-kumulu li kien hemm hu wegibhom li ma kienx ser inaddfu, li kien ser ihalli kollox kif inhu u li jekk riedu setghu jaqbdu pala u mghazqa u jnaddfu huma. Wiehed ma jistenniex persuna li ma kellhiex kontroll tar-razzett twiegeb b'dan il-mod izda kien jistenniha twiegeb semplicement li ma kienetx risponsabbli tal-post u li ma kienetx f'pozizzjoni li taghmel dak li kien qieghed jintalab minnha. Minflok l-imputat wera li kienet ir-rieda tieghu li ma jaghmilx dak li kien qieghed jigi mitlub. Di fatti l-imputat kien spjega lill-ufficjali tal-Gvern li hu ma setax inaddaf fiz-zmien li rieduh huma minhabba l-ilma u x-xita. Ix-xhud John Busuttil xehed li evenwalment f'jum f'Gunju l-imputat flimkien ma' persuna ohra beda jnaddaf ir-razzett. Ix-xhud Noel Portelli xehed li meta marru fuq il-post l-unika darba li xi hadd kien fethilhom dan kien l-imputat u li l-imputat gieli kien jittawlilhom minn fuq il-bejt tal-post li kien biswit il-kamra fejn kien jingema' d-demel u jinzammu l-annimali. L-imputat ghazel li ma jixhidx quddiem din il-Qorti ghalkemm kien xehed quddiem l-ewwel Qorti. Mill-atti tal-process jirrizulta li fis-seduta quddiem l-ewwel Qorti tas-17 ta' Jannar 2012 (fol. 7) il-kawza kienet giet differita "sabiex l-imputat jaghmel dak kollu necessarju sabiex inehhi l-gmiegh ta' demel in kwistjoni" u waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2012 (fol 8) l-imputat, assistit mill-avukat tieghu, informa lill-Qorti "li huwa kien lest jikkopera mal-Health Inspectors tant illi ghada fl-10.00 am ghandu jiltaqa' mal-Health Inspectors imsemmija fil-post in kwistjoni".

**17.** Mill-premess din il-Qorti ma ssibx raguni tiddipartixxi mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti anzi din il-Qorti hi sodisfatta minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni li l-imputat kellu l-kontroll tal-post in kwistjoni fejn kien jinsab id-demel migmugh u li kien hu li zamm id-demel hekk migmugh jew li ppermettieh jibqa' hekk migmugh. Dan it-tielet aggravju qieghed ghalhekk jigi michud ukoll.

**18.** Fir-**raba u l-ahhar aggravju** tieghu l-appellant isostni li kien fl-impossibilita' li jnehhi l-iskart ghaliex dan kien likwifikat u l-kundizzjonijiet tat-temp ma kienux jippermettu l-garr u t-tnehhija tal-iskart qabel dan jinxef. Dan l-

aggravju huwa wiehed irrelevanti ghaliex l-appellant kien gia kiser il-ligi meta halla d-demel jakkumula ghal tul ta' zmien kif irrizulta li ghamel. Di fatti jirrizulta li anki fix-xhur tas-sajf l-imputat naqas milli jiehu passi sabiex inehhi l-kumulu ta' demel tant li x-xhud Noel Portelli xehed li l-imputat kien halla s-sajf tal-2011 jghaddi qabel beda jiehu passi biex inehhi d-demel li kien akkumula. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi respint.

Ghall-motivi premessi l-appell tal-imputat appellant Julian Mercieca qieghed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata b'dan li l-perjodu ta' tliet xhur moghti mill-ewwel Qorti sabiex l-imputat appellant inehhi l-gmiegh ta' demel ghandu jibda jiddekorri mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------